MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 720/2003

**Illum 2 ta` Dicembru 2014**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**WALTER ZAMMIT**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Walter Zammit ta’ 55 sena, iben Joseph u Josephine nee’ Cachia imwieled Sliema fil-31 ta’ Mejju 1948 residenti ‘Il-Kejla’ Triq is-Sidra, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 499748M gie akuzat talli fil-25 t’Awissu 2003 u f’dati precedenti, f’San Giljan u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

Iffalsifikajt jew biddilt, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija jew manifattura; jew xjentement ghamilt uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija, jew xjentement qeghdt fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zammejt ghandek ghal bejgh jew importajt ghal hsieb ta’kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq u cioe`, basktijiet u accessorji bil-marki tad-ditti Louis Vuitton, Versace, Chanel u Gucci foloz. Dan bi ksur tal-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampajt immanifatturajt, idduplikajt, jew mod iehor irriproducejt jew ikkopjajt, jew bieghejt, qassamt , jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-dirttijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti, bil-/jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bi qliegh jew skop ta’ kummerc, stampajt, immanifatturajt, idduplikajt jew mod iehor ipproducejt jew ikkopjajt, jew bieghejt, jew qassamt jew mod iehor offrejt ghall-bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b’licenzja, jew bhala parti minn attivita` koperta b’tali licenzja, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta’ Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

B’hekk sirt recidiv ghat-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati diversement preseduta u datata 26/09/2002.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-2 ta` Settembru 2003 sabiex dan il-kaz jgi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess 2 ta' Dicembru 2014, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, f'liema ammissjoni huwa ippersista anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-imputat innifsu.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija ta` l-imputat, il-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, hlief ghall-addebitu tar-recidiva, gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Ghal finijiet ta` kjarezza, din il-Qorti tippuntwalizza illi dawn l-atti, li kienu gew intavolati lura fis-sena 2003, gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta propju fix-xahar ta` Awwissu 2013.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. li l-addebitu tar-recidiva ma huwiex sostenibbli;
b. l-ammissjoni ta` l-imputat;
c. il-fatt tad-dewmien biex tigi indirizzata din il-kawza, fatt li din il-Qorti kif presjeduta ma ghandhiex kontroll fuqu;
d. **Izda, jigi ippuntwalizzat illi dawn l-atti kellhom jigu rikostruwiti wara li kienu gew, flimkien ma processi ohra, severament danneggjati in segwitu ghal hruq li kien hakem l-Awla fejn kienu qed jinzammu**;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Walter Zammit, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 298(1)(a)(b)(c)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Avviz Legali 120 tal-1992, issib lil Walter Zammit hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Walter Zammit fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------